MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 237/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-14 ta' Lulju, 2005 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet iżżewġu fl-għoxrin (20) ta' Lulju, 2002 fil-Knisja ta' Ġieżu, ir-Rabat Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ inkiseb bi vjolenza

sew fiżika sew morali, jew biża';

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta illi mix-xorta tagħha setgħet tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibli għall-partijiet li jaqdu l-obligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi waħda jew xi wieħed mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt tal-att taż-żwieġ;

Illi l-konvenuta rabtet il-kunsens tagħha ma' kundizzjoni illi tirreferi għall-futur;

Illi l-konvenuta għalkemm mhux interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ;

Illi għar-raġunijiet suesposti u għal dawk illi joħorġu mil-Liġi ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u inattendibbli għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi;

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tal-20 ta' Lulju, 2002 huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fid-19 ta' Settembru, 2005 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Preliminarjament in-nullita taċ-ċitazzjoni attriċi stante li hija ma tifhimx il-lingwa Maltija u kwindi ċ-ċitazzjoni kif formulata ma ssegwix il-voti tal-Liġi għall-persuni li ma jifhmux il-Malti.

2. Illi fit-tieni lok ma jeżistux l-estremi legali biex iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti jiġi maħlul jew dikjarat null fit-termini tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi l-kawżali kollha msemmija fiċ-ċitazzjoni attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Di piu uħud mill-kawżali, fosthom, il-pretensjoni li l-konvenuta aġixxiet b'mod qarrieqi hija abbużiva u malafamanti għax kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-eċċipjenti hija mara li qagħdet u qdiet l-obbligi tagħha matrimonjali fl-intier tagħhom.

4. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti huwa wieħed validu u skond il-Liġi u għandu jiġi rrispettat.

5. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru, 2005 li permezz tiegħu l-konvenuta permezz ta' l-Avukat tagħha rrinunzjat għall-ewwel eċċezzjoni.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Lulju, 2002 a bażi ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta għalkemm opponiet fin-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentat affidavit fejn għamlet diversi dikjarazzjonijiet li ċertament jagħtu lok għall-annullament. F’kull każ kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’każ ta’ ammissjoni iżda japplika iżjed f’każ fejn il-konvenuta ppreżentat l-eċċezzjonijet in kwistjoni.

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (b) – il-kunsens inkiseb bi vjolenza;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-oħra li mix-xorta tiegħu jista’ jfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li

tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiż-żmien taż-żwieġ il-fakoltajiet jew rieda biżżejjed biex joħloq kunsens għaż-żwieġ.

Mill-provi mressqa mill-attriċi jidher li l-partijiet iżżewġu wara li kienu jafu lil xulxin xi żmien u anke kienu jgħixu flimkien. Ġara pero' li billi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Russa kellha bżonn li tiżżewweġ biex ma jkollhiex iktar problemi fir-rigward ta' xogħol u permanenza f'Malta. Għalhekk għalkemm dan ma kienx ir-raġuni prinċipali għaż-żwieġ, kien raġuni prinċipali għall-fatt li żżewġu iktar malajr milli kienu qed jippjanaw. Fi kliem il-konvenuta huma żgur li kienu jibqgħu jgħixu flimkien għal ftit taż-żmien ieħor kieku ma kienx hekk u dan kien ikun forsi ta' benefiċċju mhux żgħir biex il-partijiet ikunu żguri mill-pass li riedu jieħdu.

**Il-konvenuta pero' ammettiet li qatt ma kellha intenzjoni illi jkollha tfal u dan waħdu huwa raġuni biżżejjed biex żwieġ jiġi dikjarat null – ara s-sentenza dettaljat u studjata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh mogħtija fit-30 ta' Marzu, 1994. Stabbilit dan ma hemmx għalfejn wieħed jidħol f'iktar dettal.**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-20 ta' Lulju, 2002. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------